Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TLIETA u ERBGĦIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL- KONTINWAZZJONI**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2014

**Ħin:** Mill-5.30pm sas- 6.52pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Ambaxxatur s-Sur Andrew Zammit Montebello bagħat jinfurmana li ma setax ikun preżenti għaliex kien għaddej bl-eżamijiet.

Qabel bdiet il-laqgħa il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara informa lill-Kunsill li saret allegazzjoni minn xi individwi li xi ħaddiema tal-Kunsill kien qed jagħmlu xogħol x'imkien ieħor waqt il-ħin tax-xogħol kif ukoll kienu qed isiru xi xogħolijiet fid-dar tas-Sindku.

Il-Viċi Sindku Joe Galea li huwa inkarigat mill-ħaddiema fuq ix-xogħolijiet fuq barra caħad kategorikament din l-allegazzjoni fejn saħaq li x-xogħol dejjem sar mill-ħaddiema fejn f'dawn l-aħħar sena u nofs, ix-xogħolijiet pendenti li jistgħu jagħmlu l-ħaddiema tal-Kunsill ġew indirizzati kollha. Fir – rigward tal-ħinijiet dawn jiġu rispettati.

Is-Sindku fuq l-allegazzjoni l-oħra li qed isir xogħol fid-dar tiegħu xtaq jippreċiza li filwaqt li l-Kunsill qed juza l-istore tiegħu għall-għodda, x'jagħmel il-handyman wara l-ħin tax-xogħol tiegħu ma hi affari ta' ħadd. Għall-informaazjoni ta' kulħadd il-handyman, is-Sur Mario Cini huwa self-employed u l-ħinijiet tiegħu mal-Kunsill huma ta' tletin siegħa fil-ġimgħa mis-7am sal-12pm. Ix- xoghol fid-dar tiegħu kien qed isir wara nofsinhar.

Is-Sindku tenna li l-persuna li għamlet din l-allegazzjoni jaf min hi u li hemm kawza pendenti tiegħu magħha l-Qorti.

## 5. Korrispondenza u Ilmenti

Dwar korrispondenza u ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbgħatu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ipprezenta l-ilment.

## 3. Management Letter

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet il-*Management letter* li ġġib id-data tat-22 ta' April 2014 u risposta *draft* li ġġib id-data tal-11 ta' Ġunju 2014 (mehmuż). Il-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier S. Gatt ippropona r-risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni. Ir-risposta *draft* ġiet approvata unanimament u ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juru li huwa dokument korrett.

## 4. Applikazzjonijiet dwar kjoskijiet li jarmaw fil-festa.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed il-*file* bl-applikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill minn persuni li jixtiequ jarmaw kjoskijiet fil-festa u skeda bid-dettalji tal-applikazzjonijiet li rċevejna (mehmuża). Il-Kunsill unanimament approva l-applikazzjonijiet kollha.

## 6. Komunikazzjoni tas- Sindku

Ma kien hemm ebda komunikazzjoni tas-sindku

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sal-4 ta' Ġunju 2014 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 25,687.14.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment tas- Sur Noel Borg, 84 Triq Il-Kbira biex jitnaddaf il-*culvert* ta' quddiem il-Kazin PN, tittranġa l-bankina ta' quddiem id-dar tiegħu u li l-ħwienet jisseparaw l-iskart u jitpoġġew fi skips li jkunu fi triq Robert Mifsud Bonnici, Lija.

Fir-rigward tal-iskips dan ma jistax isir, għaliex hemmhekk jiġi Hal Lija u fir-rigward tal-ilmenti l-oħra ser tittieħed azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li tittranġa l-bankina tal-konkrete quddiem il-Bus Stop fil-Pjazza. Il-Kunsill ser jikteb lill-Transport Malta.

Il-Kunsillier Stephen Gatt talab li ż-żewġ parking bays bl-isfar li hemm fil-pjazza jitnaqqsu għal wieħed. Il-Kunsill ser jitlob lil Transport Malta biex isir dan.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa , 2 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data